SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 11/K6/08

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 09/12/'08** **240**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 09/12/'08** **293**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 9 ta' Diċembru 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Richard Scicluna.

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-3 ta' Diċembru 2008. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament – Car Park
4. Dar ta' l-Anzjani
5. Attivita' tal-Milied
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Minuti tal-laqgħa preċedenti li saret fl-20 ta' Novembru 2008 ser jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

1.3.02 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**Rif. Nru. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

4582 Ittra mingħand is-Sur Mario Fava, Segretarjat Kunsilli Lokali Partit Laburista rigward l-Aġenda u Minuti tal-Kunsill.

4643 Ittra mingħand Ms Marisa Darmanin, MEPA, rigward sottosmissjonijiet ġodda għall-Urban Improvement Funds.

4644;K1047 K1054&K1055 Ittra mingħand l-Onorevoli Chris Said, rigward konferenza organizzata mill-MEUSAC rigward *Project Zooming on Sustainability – Europe for Citizens* u l-ittri li ntbagħtu mill-Kunsill.

4669;4708 4779&K1091 Ittri mingħand Ms Gemma Debono, Dipartiment għall-Kunsilli Lokali u r-risposta li ntbagħtet rigward xi pagamenti li għamel il-Kunsill.

4709 Ittra mingħand is-Sur Mario Borg, Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazjoni Pubblika u Informazzjoni rigward invit għal *Street Classification exercise for Urban Conservation Areas.*

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 4582

2.02 B'riferenza għat-talba li saret mingħand is-Sur Mario Fava sabiex tintbagħatlu kopja elettronika ta' l-Aġenda u l-Minuti, ġie deċiż unanimament illi jiġi ċċarat ma' d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk il-Kunsill huwiex obbligat li jagħmel dan.

Rif. Nru. 4644; K1047; K1054; K1055

2.03 B'riferenza għall-ittra mingħand l-Onorevoli Chris Said, rigward konferenza organizzata mill-MEUSAC dwar **Project Zooming on Sustainability – Europe for Citizens** il-Kunsill ġie nfurmat illi ttieħdet l-azzjoni kollha neċessarja f'dan ir-rigward u li l-Kunsill qiegħed jistenna' r-risposta minn Milazzo.

Rif. Nru. 4709

2.04 B'riferenza għall-ittra mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward invit għal **Street Classification exercise for Urban Conservation Areas** ġie deċiż illi s-Sur Mario Borg jiġi nformat illi s-Sindku Peter Bonello, is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Kunsillier Ronald Agius ser jattendu għal din il-preżentazzjoni.

2.05 Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit ħin bejn is-2.30pm u t-3.00pm.

## 3 Aġġornament – Car Park

3.01 Is-Sindku Peter Bonello informa lill-Kunsill illi minn informazzjoni li tah il-Perit tal-Kunsill (tal-MP&DC) jidher li hemm żewġ applikazzjonijiet biex isir Car Park ħdejn il-Westin Dragonara, waħda tal-Kunsill Lokali u l-oħra tal-Westin Dragonara stess. Jidher illi l-MEPA qed tesiġi li l-art fejn qed jiġi ppjanat li jsir car park min-naħa tal-Kunsill ma tistax tintuża bħala car park peress li hemm xi tip ta' speċi. Min-naħa l-oħra l-Kunsill ma jistax jagħmel entratura għall-car park taħt l-art peress illi minn fuq ma jistax iħaffer. Għalhekk ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill iwaqqa' l-applikazzjoni tiegħu, bill-patt u l-kundizzjoni li hemmhekk isir ġnien pubbliku, aċċessibbli għall-pubbliku, u li l-manutenzjoni tiegħu jsir mill-Westin Dragonara li huma l-applikanti l-oħra.

## 4 Dar ta' l-anzjani

4.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'site plan ta' biċċa art li hemm fi Triq Mikelangelo Borg qabel ma ddur għall-mini ta' Regional Road (Ara Appendiċi 'A').

4.02 Is-Sindku Peter Bonello nforma lill-Kunsill illi din hija art tal-Gvern u li bil-kobor li fiha tista tiġi żviluppata f'dar għall-anzjani. Għalhekk bi ħsiebu li :-

- jkellem lis-Sindku tal-Mellieħa biex jara kif għamel biex saret Dar ta' l-Anzjani bi sħab mal-privat;
- ser javviċina lis-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Jason Azzopardi biex jara jekk din l-art tistax tiġi devoluta lill-Kunsill u x'inhi l-proċedura li trid tittieħed.

4.03 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**5. Ħarġa għall-Anzjani**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-kwotazzjonijiet li nġabru (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker ġibdet l-attenzjoni li l-offerta tal-Plaza Hotel hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

5.03 Wara diskussjoni qasira ċ-Chairman ippropona li l-attivita' issir ir-Riviera Resort & Spa.

5.04 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

6.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2550 sa 2567 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2550 sa 2567.

7.03 Il-Kunsillier Irene Borg issekondatu.

7.04 l-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Ħamis 4 ta' Diċembru fis-2.15pm saret laqgħa mal-Federazzjoni ta' l-Għaqdiet tas-Sajjieda Dilettanti Maltin. Għal din il-laqgħa kienu preżenti, għall-Għaqda, l-President s-Sur Victor Mifsud u s-Segretarju Dr. Joseph Carabott.

8.02 Għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku Peter Bonello, il-Kunsilliera Norman Vella u Ronald Agius u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker.

8.03 Is-Segretarju ta' l-Għaqda nforma lill-Kunsill li din il-laqgħa kienet laqgħa ta' kortesija. Wara diskussjoni qasira s-Sindku spjega lir-rappresentanti ta' l-Għaqda li l-embellishment li sar fuq Xatt is-Sajjieda sar bi skop biex ikun aktar aċċessibbli għal kulħadd, ikun aktar organizzat, u biex tissebbaħ dik l-area. Hu kompla billi ġibed l-attenzjoni li sa fejn jaf hu l-Kunsill m'għandu l-ebda problema mas-Sajjieda Ġiljaniżi.

8.04 Qabel intemmet il-laqgħa s-Sindku Peter Bonello talab kopja ta' l-istatut tal-Federazzjoni ta' l-Għaqdiet tas-Sajjieda Dilettanti Maltin u ta' l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti ta' San Ġiljan.

8.05 Din il-laqgħa ntemmet fit-3.00pm

8.06 Il-Kunsill ġie nfurmat illi nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2008 fis-2.00pm saret laqgħa ma' Ms Maria Schembri, rappreżentanta tal-MEUSAC. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-korrispondenza Rif K1018/255/08 (Ara Appendiċi 'E'). B'riferenza għall:-

8.07 ***Item 1 - Restawr ta' Palazzo Spinola:*** - Ms Schembri ssuġġeriet illi l-Kunsill jikteb lill-Wirt Artna, Heritage Malta u lill-Din l-Art Ħelwa biex jikkunsidraw li jagħmluh huma.

8.08 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni

8.09 ***Item 2 – Wied Għomor jiġi rranġat u jsir recreational area:-*** Ms Schembri ssuġġeriet illi jsir appuntament mal-Ministru tar-Risorżi u Affarijiet Rurali, l-Onor George Pullicino biex jiġi diskuss dan il-proġett peress li jeżistu fondi tal-ERDF. Madankollu, peress li Wied Għomor jgħaddi minn żewġ lokalitajiet oħra, San Ġwann u Swieqi ġie ssuġġeriet li dawn iż-żewġ lokalitajiet jiġu nfurmati bil-ħsieb tal-Kunsill biex jekk huma nteressati jressqu l-proposti tagħhom flimkien ma' dawk tal-Kunsill;

8.10 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill Lokali San Ġwann u l-Kunsill Lokali Swieqi jiġu nfurmati bi ħsieb tal-Kunsill u jekk huma nteressati ssir laqgħa bejn it-tlett Sindki. Wara ssir laqgħa ma' l-Onor George Pullicino.

8.11 ***Item 3 – Ġemellaġġ:-*** Ms Schembri ssuġġeriet li l-Kunsill jagħmel kuntatt ma' Milazzo biex jara jekk għadhomx interessati li jiġi ffinalizzat dan il-ġemellaġġ. Ms Schembri għandha tibgħat kopja tat-Twinning Agreement li jista jiġi ffirmat waqt il-konferenza li għandha ssir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju 2009.

8.12 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi biex isir ġemellaġġ, l-ewwel il-Kunsill irid jagħmel kuntatt ma' xi pajjiż ta' l-EU fejn irid jgħid x'inhu il-ħsieb għal-ġemellaġġ. Dan għandu jsir miż-żewġ pajjiżi.

8.13 Ms Schembri għandha tibgħat kopja tal-programm 'Citizens for Europe' u 'Youth & Life Learning' li jinkludu xi programmi li l-Kunsill jista jiggwadanja mill-fondi ta' l-EU.

8.14 ***Item 4 – Faċilitajiet Sportivi:-*** Ms. Schembri nfurmat lill-Kunsill li jista' jibbenefika mill-programm 'Youth & Life Learning'. F'dan il-programm jistgħu jipparteċipaw nies ta' bejn il-15 u t-30 sena (Eż. Water polo clubs – training żgħażagħ, baned, futbal nurseries). F'dan il-każ il-Kunsill irid jiddeċiedi u jressaq l-idejat li għandu

8.15 Il-laqgħa ma' Ms Maria Schembri ntemmet fit-3.15p.m. Filwaqt li l-Kunsill irringrazzjaha hija ġiet mitluba tattendi l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, li ser issir fid-29 ta' Jannar 2009. Jekk ikun hemm il-bżonn jiġi mitlub li jattendi wkoll is-Sur Albert Borg, rappreżentant tal-MP&DC fir-rigward Wied Għomor. Għalhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi sa dak in-nhar il-Kunsill irid ikun preparat b'aktar dettal.

8.16 Saret riferenza għall-anniversarju tal-Kunsilli Lokali f'egħluq il-ħmistax il-sena mit-twaqqif tagħhom u wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi ssir plakka fil-Pjazza tal-Qalb ta' Ġesu biex tikkommemora din l-okkażjoni. Huwa l-ħsieb li din il-plakka tinkixef fil-5 ta' April, f'Jum San Ġiljan.

8.17 Is-Sindku Peter Bonello għandu jgħaddi sketch ta' din il-plakka lill-Amministrazzjoni biex ikunu jistgħu jitkomplew il-proċeduri.

8.18 Bħala parti mill-attivitajiet tal-Milied ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jipparteċipa b'kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-Festa tal-Karmnu Balluta biex jintrama presepju għal żmien il-Milied. Għal dan il-għan ser jitħallas l-ammont ta' €163 (Lm69.97) lill-Kumitat tal-Festa bħala parti mill-ispejjeż.

8.19 Il-Kunsill ġie nfurmat illi s-Sur Gianni Micallef li ġarr l-istandard fil-parata li saret, nhar il-Ħadd 7 ta' Diċembru 2008, bħala parti mill-attivitajiet li saru fl-okkażżjoni tal-15 il-anniversaju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ser jingħata €50.

8.20 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2008 ser issir laqgħa mas-Sur Simon Quin, li huwa ċ-Chief Executive Officer ta' l-Assoċjazzjoni tat-Town Centre Management . Peress li s-Sindku Peter Bonello ma jistax jattendi għal din il-laqgħa ġie deċiż unanimament illi jattendi l-Kunsillier Edgar Montanaro.

8.21 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi x-xogħolijiet fi Triq Sant' Elia ser isiru wara li jgħaddu l-festi.

8.22 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-bilanċ tal-leave ta' l-impjegati li ser jiżdied mal-leave tas-sena d-dieħla huwa kif ġej:-

- Ms Marisa Micallef - 2 days 3 hrs
- Ms Lindsay Debattista - 10 days
- MsHelen Walker - 17 days

8.23 Ġie deċiż unanimament illi l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u l-istaff issir fit-23 ta' Jannar 2009 u jiġi mistieden l-ex Kunsillier John Agius bħala ringrazzjament tax-xogħol li baqa' jagħmel għall-Kunsill.

8.24 Ġie deċiż illi:-

- Titranġa t-tarġa miksura li hemm fiz-zuntier tal-Knisja ta' Lapsi qabel ma ddur għal Triq Sant' Anġlu;

- Isiru żewġ bollards bil-katina biex jitpoġġew quddiem il-Knisja ta' Lapsi meta jkun hemm xi tieġ;

- Jiġu rrapurtati l-bins kollha li saru mill-MTA mad-dawra tal-baħar minħabba li hemm minnhom bla boroż u mimlija skart.

8.25 Iċ-Chairman awgura l-festi t-tajba lil kulħadd u stedinhom għal bibita.

8.26 Il-Laqgħa ntemmet fl-4.05 p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |